

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Titolu Eżekuttiv Ewropew](#) > [Slovakia](#)

Titolu eżekuttiv ewropew

Slovakkja



Slovakkja

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

1. Proċeduri għall-korrezzjoni u l-irtirar (Art. 10(2))

Skont l-Artikolu 21 tal-Att Nru 160/2015 (il-Kodiċi tal-Proċedura ta' Tilwim Ċivili (*Civilný sporový poriadok*)), il-qorti b'għuridizzjoni biex tagħmel emendi u tirrevoka ċ-ċertifikati hija l-qorti li tat is-sentenza jew il-qorti li fiha ġiet approvata jew saret ir-riżoluzzjoni, fil-każ ta' sentenzi jew riżoluzzjonijiet.

2. Proċeduri għar-reviżjoni (Art.19 (1))

Skont it-termini tal-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament, il-qrati Slovakkji huma awtorizzati jirrieżaminaw sentenzi skont l-Artikoli 335 - 457 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. B'konformità mal-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament, il-qrati jirrieżaminaw is-sentenzi skont l-Artikolu 122 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (eżenzjoni mill-iskadenza wara li jgħaddi ż-żmien stipulat).

L-Artikoli 355 - 457 li jirregolaw proċeduri ta' appell individwali (appell, ritrattazzjoni u appell straordinarju). L-ammissibilità tal-appelli, id-dettalji li għandu jkun fih ir-rikors tal-appell, l-azzjoni li jridu jieħdu l-qrati u l-proċeduri tal-qrati għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar appelli huma rregolati minn dispożizzjonijiet individwali.

Id-dispożizzjonijiet individwali tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jinsabu fi Slov-lex.sk

3. Lingwi aċċettati (Art. 20(2)(c))

Il-lingwa aċċettata skont l-Artikolu 20(2)(c) tar-Regolament hija s-Slovakk (fir-Repubblika Slovakkja).

4. Awtoritajiet nominati biex jiċċertifikaw id-dokumenti awtentiċi (Art. 25)

Skont l-Artikolu 21(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Tilwim Ċivili, qorti reġjonali (*krajský súd*) bil-għuridizzjoni għal-legalizzazzjoni tad-dokumenti ġudizzjarji f'konformità mal-Artikolu 62 tal-Att Nru 97/1963 dwar id-dritt internazzjonali privat u r-regoli ta' proċedura (kif emendat) għandha l-għuridizzjoni għall-ħruġ, l-emendar u r-revoka ta' ċertifikati skont leġiżlazzjoni speċjali relatata ma' att pubbliku.

Qorti reġjonali għandha l-għuridizzjoni biex tillegalizza d-dokumenti ġudizzjarji jew toħroġ postilla jekk id-dokumenti kkonċernati jkunu nħarġu minn qrati distrettwali, nutara, skrivana tan-nutara jew uffiċjali ġudizzjarji bbażati fiż-żona ġeografika tal-għuridizzjoni tal-qorti reġjonali, jekk l-awtentiċità tad-dokumenti jew l-awtentiċità tal-firma tad-dokument tkun ġiet ivverifikata, u jekk id-dokumenti jkunu traduzzjonijiet prodotti minn tradutturi jew rapporti mfassla minn esperti.

L-Att Nru 97/1963 jinsab fi Slov-lex.sk

■ L-aħħar aġġornament: 26/07/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.